Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għall-bozoz b'discharge ta' intensità għolja, u għall-ballasts u l-lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta' dan it-tip, u li jħassar id-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 92/04)

Il-pubblikazzjoni tat-titoli u r-referenzi ta' metodi tranżitorji ta' kejl [1] għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 245/2009.

Prodott	Organizzazzjoni	Referenzi	Titlu	Parametri mkejla
Il-bozoz kollha koperti bir-Regolament (KE) Nru 245/2009	CENELEC	EN 60061-1:1993 L-emendi kollha sa A41:2009	Kapep tal-bozoz u holders flimkien ma' gauges għall-kontroll tal-iskambju fl-użu u s-sikurezza Parti 1: Kapep tal-bozoz	— Ġeometrija tal-kapep tal-bozoz
		EN 62471:2008	Is-sikurezza fotobijoloġika tal-bozoz u tas-sistemi tal-bozoz	— Radjazzjoni (evalwazzjoni tal-ispektrum marbuta mal-Anness I.1.d)
	Il-Kummissjoni Ewropea	Id-Deċiżjoni 2002/747/KE (Anness)	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/747/KE tad-9 ta' Settembru 2002 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi reveduti għall-premjazzjoni [għoti] tà ekotikketta Komunitarja għall-bozoz tal-elettriku u temenda d-Deċiżjoni 1999/568/KE	— Kontenut ta' merkurju
	Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni	CIE 18.2:1983	Il-Bażi tal-Fotometrija Fiżika	— Angolu tar-raġġ tad-dawl
Bozoz fluworexxenti b'kappa doppja	CENELEC	EN 60081:1998 L-emendi: A1:2002 A2:2003 A3:2005 A4:2010	Bozoz fluworexxenti b'kappa doppja – speċifikazzjonijiet tar-rendiment	— Il-fluss luminuż tal-bozza — L-enerġija kkunsmata mill-bozza (minbarra l-enerġija li tintrema mill-apparat awżiljari bħalma huma l-ballasts) — Il-Fattur tal-Manutenzjoni tal-Lumen tal-Bozza (LLMF) Nota: Fl-istandard, LLMF tissejjaħ "manutenzjoni tal-lumen". — Fattur ta' Sopravivenza tal-Bozza (LSF) Nota: Il-LSF ma jissemmiex b'mod espliċitu, jissemma biss il-metodu għall-ittestjar tal-ħajja tal-bozza. Il-LSF jiġi kkalkulat mill-kurva taż-żamma tal-lumen skont l-Anness C tal-istandard. — Għall-finijiet tat-Tabella 6 fl-Anness III, il-Fattur ta' Sopravivenza tal-Bozza għandu jitkejjel waqt thaddim bi frekwenza għolja b'ċiklu ta' swiċċjar ta' 11h/1h. Fil-każijiet l-oħra, iċ-ċiklu ta' swiċċjar għandu jkun dak stabbilit fl-istandard.

[1] L-intenzjoni hija li dawn il-metodi tranżitorji ta' kejl finalment jinbidlu bi standard(s) armonizzat(i). Fejn disponibbli, ir-referenza/i għall-istandard(s) armonizzat(i) għandha/hom tiġi/jiġu ppubblikata/i f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2009/125/KE.

Prodott	Organizzazzjoni	Referenzi	Titlu	Parametri mkejla
				— Il-kromatiċità — Temperatura Korrelata tal-Kulur (CCT) — L-apparenza tal-kulur
Bozoz fluworexxenti b'kappa waħda	CENELEC	EN 60901:1996 L-emendi: A1:1997 A2:2000 A3:2004 A4:2008 Draft A5 (34A/1358/CDV)	Bozoz fluworexxenti b'kappa waħda – speċifikazzjonijiet ta' rendiment	— Il-fluss luminuż tal-bozza — L-enerġija kkunsmata mill-bozza (minbarra l-enerġija li tintrema mill-apparat awżiljari bħalma huma l-ballasts) — Il-Fattur tal-Manutenzjoni tal-Lumen tal-Bozza (LLMF) Nota: Fl-istandard, LLMF tissejjaħ "manutenzjoni tal-lumen". — Fattur ta' Sopravivenza tal-Bozza (LSF) Nota: Il-LSF ma jissemmiex b'mod espliċitu, jissemma biss il-metodu għall-ittestjar tal-ħajja tal-bozza. Il-LSF jiġi kkalkulat mill-kurva taż-żamma tal-lumen skont l-Anness C ta' EN 60081 (il-verżjoni msemmija fir-ringiela dwar lampi fluworexxenti b'kappa doppja). — Il-kromatiċità — Temperatura Korrelata tal-Kulur (CCT) — L-apparenza tal-kulur
Il-bozoz kollha b'discharge ta' intensità għolja	CENELEC	EN 62035:2000 Emenda: A1:2003	L-ispeċifikazzjonijiet tas-sikurezza tal-bozoz discharge (minbarra bozoz fluworexxenti)	— Enerġija UV radjanti effettiva speċifika
Bozoz tal-fwar tal-merkurju taħt pressjoni għolja	CENELEC	EN 60188:2001	Bozoz tal-fwar tal-merkurju taħt pressjoni għolja – speċifikazzjonijiet tar-rendiment	— Il-fluss luminuż tal-bozza — L-enerġija kkunsmata mill-bozza (minbarra l-enerġija li tintrema mill-apparat awżiljari bħalma huma l-ballasts)
	Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni	CIE 97:-2005	Il-Manutenzjoni ta' Sistemi Elettriċi ta' Dawl ta' Ġewwa	— Il-Fattur tal-Manutenzjoni tal-Lumen tal-Bozza (LLMF) — Fattur ta' Sopravivenza tal-Bozza (LSF)
		CIE 154:-2003	Il-Manutenzjoni ta' Sistemi Elettriċi ta' Dawl ta' Ġewwa	
		CIE 15:-2004	Kolorimetrija	— Il-kromatiċità — Temperatura Korrelata tal-Kulur
		CIE 13.3:-1995	Metodu ta' Kejl u Speċifikazzjoni tal-Karatteristiċi tal-Apparenza tal-Kulur ta' Sorsi ta' Dawl	— L-apparenza tal-kulur

Prodott	Organizzazzjoni	Referenzi	Titlu	Parametri mkejla
Bozoz tal-fwar tas-sodju	CENELEC	EN 60662:1993 L-emendi: A4:1994 A5:1994 A6:1994 A7:1995 A9:1997 A10:1997	Bozoz tal-fwar tas-sodju taħt pressjoni għolja – Speċifikazzjonijiet tar-rendiment	— L-enerġija kkunsmata mill-bozza (minbarra l-enerġija li tintrema mill-apparat awżiljari bħalma huma l-ballasts) — Il-Fattur tal-Manutenzjoni tal-Lumen tal-Bozza (LLMF) Nota: Fl-istandard, LLMF tissejjaħ "manutenzjoni tal-lumen". — Fattur ta' Sopravivenza tal-Bozza (LSF) Nota: Il-LSF ma jissemmiex b'mod espliċitu, jissemma biss il-metodu għall-ittestjar tal-ħajja tal-bozza. Il-LSF jiġi kkalkulat mill-kurva taż-żamma tal-lumen skont l-Anness C ta' EN 60081 (il-verżjoni msemmija fir-ringiela dwar lampi fluworexxenti b'kappa doppja).
	Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni	CIE 84:-1989	Kejl tal-fluss luminuż	— Il-fluss luminuż tal-bozza
		CIE 15:-2004	Kolorimetrija	— Il-kromatiċità — Temperatura Korrelata tal-Kulur
		CIE 13.3:-1995	Metodu ta' Kejl u Speċifikazzjoni tal-Karatteristiċi tal-Apparenza tal-Kulur ta' Sorsi ta' Dawl	— L-apparenza tal-kulur
Bozoz tal-alid tal-metall	CENELEC	Abbozz ta' IEC/EN 61167 (34A/1326/CDV)	Speċifikazzjoni tar-rendiment għall-bozoz tal-alid tal-metall:	— L-enerġija kkunsmata mill-bozza (minbarra l-enerġija li tintrema mill-apparat awżiljari bħalma huma l-ballasts) — Il-Fattur tal-Manutenzjoni tal-Lumen tal-Bozza (LLMF) Nota: fl-istandard, LLMF tissejjaħ "manutenzjoni tal-lumen". — Fattur ta' Sopravivenza tal-Bozza (LSF) Nota: Il-LSF ma jissemmiex b'mod espliċitu, jissemma biss il-metodu għall-ittestjar tal-ħajja tal-bozza. Il-LSF jiġi kkalkulat mill-kurva taż-żamma tal-lumen skont l-Anness C ta' EN 60081 (il-verżjoni msemmija fir-ringiela dwar lampi fluworexxenti b'kappa doppja).
	Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni	CIE 84:-1989	Kejl tal-fluss luminuż	— Il-fluss luminuż tal-bozza
		CIE 15:-2004	Kolorimetrija	— Il-kromatiċità — Temperatura Korrelata tal-Kulur
		CIE 13.3:-1995	Metodu ta' Kejl u Speċifikazzjoni tal-Karatteristiċi tal-Apparenza tal-Kulur ta' Sorsi ta' Dawl	— L-apparenza tal-kulur

Prodott	Organizzazzjoni	Referenzi	Titlu	Parametri mkejla
Ballasts għall-bozoz fluwo-rexxenti (kemm dawk ta' frekwenza għolja kif ukoll dawk li mhumiex)	CENELEC	EN 50294:1998 L-emendi: A1:2001 A2:2003	Il-metodu ta' kejl tal-enerġija totali tal-input għaċ-ċirkwiti ta' bozoz bil-ballast	— Enerġija tal-input għaċ-ċirkwit b'bozza bil-ballast (minbarra l-enerġija kkunsmata minn sondi, konnessjonijiet tan-netwerk u pożożiet oħra awżiljari fuq issors) Nota: L-enerġija totali tal-input hija kkoreġuta għal fattur ta' lumen tal-ballast ta' 0,95 għal apparat ta' kontroll "wire-wound" mhux ta' frekwenza għolja u 1,00 għal apparat ta' kontroll elettroniku ta' frekwenza għolja (HF). Barra minn hekk, isir kumpens għat-tolleranzi tal-bozoz ta' referenza.
Il-lampi kollha koperti bir-Regolament (KE) Nru 245/2009.	CENELEC	EN 60598-1: 2008	Lampi – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali u testijiet	— Gradazzjoni tal-protezzjoni kontra l-penetrazzjoni (ingress protection grading)
Metodi ta' kejl għal parametri li huma preżenti biss bħala valuri ta' riferiment				
Lampi għad-dawl tal-uffiċċju	CEN	EN 12464-1	Tidwil tal-postijiet tax-xogħol – parti 1: postijiet tax-xogħol ġewwa bini	— Fattur ta' Manutenzjoni tal-Lampa
	Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni	CIE 97:-2005	Il-Manutenzjoni ta' Sistemi Elettriċi ta' Dawl ta' Ġewwa	
Lampi għad-dwal fit-toroq pubbliċi	CEN	EN 12464-2	Tidwil tal-postijiet tax-xogħol – parti 2: postijiet tax-xogħol fuq barra	— Fattur ta' Manutenzjoni tal-Lampa
	Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni	CIE 154:-2003	Il-Manutenzjoni ta' Sistemi Elettriċi ta' Dawl ta' Ġewwa	
	CEN	EN 13032-1 EN 13032-2	Dwal u tidwil. Kejl u preżentazzjoni tad-dejta fotometrika tal-bozoz u tal-lampi 1 – Kejl u format tal-fajl 2 – Preżentazzjoni tad-dejta għal postijiet tax-xogħol ġewwa l-bini u fuq barra	— Fattur ta' użu — Proporzjon tal-Ħruġ tad-Dawl f'Direzzjoni 'l Fuq (ULOR)